# Wistin Camilleri u l-Festa ta' San Ġorġ – 135 sena minn twelidu



■ **Christian Debono**

L-iskultur Għawdxi Wistin Camilleri twieled fit-2 ta' Mejju 1885, fil-mitħna ta' Għajn Qatet, ir-Rabat. Iżżewweġ lil Franġiska mwielda Cauchi, u kellhom sitt ulied. Huwa miet fl-4 ta' Lulju 1979, fl-età ta' 94 sena.

Għall-Festa ta' San Ġorġ, Wistin ħadem għadd kbir ta' statwi. Forsi l-aktar waħda importanti li ħadem kienet dik ta' San Ġorġ fuq iż-Żiemel, li llum b'xorti ħażina ma għadhiex teżisti. San Ġorġ fuq iż-Żiemel kien inħadem fis-sena 1953, biex idur f'dimostrazzjoni fil-jiem tal-Festa. Għal erbatax-il sena sħaħ l-istatwa kienet tiġi mtellgħa fuq il-pedistall tagħha fi Pjazza Indipendenza. Fis-sena 1985 l-istatwa ttellgħet għall-ewwel darba fi Pjazza San Ġorġ. Fil-Festa tas-sena 1987 qamet tempesta kbira. Bi tbatija bosta membri tal-Kumitat u partitarji niżżlu l-istatwa ta' San Ġorġ taż-Żiemel minn fuq il-pedistall. Bejn it-toqol tagħha, bejn ix-xita nieżla qawwija, l-istatwa ħadet ftit ħin mhux ħażin biex tniżżlet minn fuq il-pedistall. Il-materjal tagħha kien tmermer u fi stat ħażin ħafna. Il-Kumitat iddeċieda li jirranġaha u li jagħmel dan l-istatwarju Alfred Camilleri Cauchi, it-tifel ta' Wistin li kien ħadem l-istess statwa tlieta u tletin sena qabel. Wara li eżaminaha bir-reqqa, ikkonferma li kien hemm ħsarat iktar milli ħasbu. Ġie deċiż li l-figura ta' San Ġorġ titneħħa. Iż-żiemel u d-dragun ma kinux spiċċaw għalkollox.



Żewġ statwi importanti oħra, xogħol ta' Wistin ukoll, huma l-ġenituri ta' San Ġorġ, Ġeronzju u Polikronja bit-tfajjel Ġorġi fejn riġlejha, li jintramaw maz-zuntier tal-Bażilika Ġorġjana, waħda kull naħa.

Il-Papa San Żakkarija, liebes il-kamżu u l-kappa bit-trirenju f'rasu, hu rrappreżentat fil-mument fejn mexxa t-translazzjoni bir-ras qaddisa ta' San Ġorġ lejn il-Bażilika tiegħu tal-Velabro f'Ruma. Din l-istatwa imponenti, akbar mill-qies normali, hija xogħol fil-kartapesta ta' Wistin Camilleri, fis-sena 1922. Sa mill-bidu nett kienet tintrama fi Pjazza Indipendenza, faċċata ta' San Ġorġ Rebbieħ. Fi żmien il-Gwerra sal-bidu tas-snin tmenin ftit li xejn intramat minħabba ħsarat kbar li ġarrbet matul is-snin. Għal xi snin ġieli ntramat Pjazza San Ġorġ, wara t-tkabbir tal-pjazza. Reġgħet ħarġet fil-Festa tal-1980, wara xi tiswijiet li sarulha. Fl-antik din l-istatwa kienet iċ-ċentru ta' waħda mill-manifestazzjonijiet tal-festi esterni, u kienet tgawdi ċerta importanza. Ta' kull sena l-Banda La Stella kienet tagħmel marċ b'din l-istatwa proprju lejlet il-Festa filgħodu, il-marċ magħruf bħala tat-Te Deum, li kien jieħu d-dawra tal-purċissjoni. Fi tmiem il-marċ l-istatwa kienet tittella' fuq il-pedistall fi Pjazza Indipendenza. Illum dan il-marċ ma għadux isir.

Wieħed mill-isbaħ settijiet ta' Santi Padri li ħadem Wistin Camilleri jitgawda fil-Festa tagħna. Dan is-sett ta' għaxar qaddisin li kitbu jew xandru d-devozzjoni lejn San Ġorġ tlesta fl-1913, u minn dejjem kienu jintramaw fi Triq ir-Repubblika. Dawn jirrappreżentaw lil San Tumas ta' Aquino, San Vinċez Ferreri, San Piertu Damiani, San Bażilju l-Kbir, San Ġwann Kriżostmu, Sant'Andrija ta' Kreta, Santu Wistin, Sant'Ambroġ, San Ġermanu ta' Pariġi, u San Girgor il-Kbir. Matul is-snin li fihom ma saritx il-Festa, bejn l-1968 u l-1975, dawn l-istatwi baqgħu merfugħa f'kamra fil-Każin. Tnejn minnhom li kienu mqiegħda mal-ħajt spiċċaw tmermru u ma setgħu jiġu salvati b'xejn. Iben Wistin, Michael Camilleri Cauchi, ħadem mill-ġdid l-istatwi ta' San Ġwann Kriżostmu u San Ġerman ta' Pariġi fl-1979. Wistin dejjem kien isemmi dan is-sett ta' statwi fost il-favoriti tiegħu.

Statwa oħra maħduma minn Wistin hija dik tal-Imperatriċi Alessandra. Din il-qaddisa rjali, mart l-Imperatur Djoklezjanu, ikkonvertiet għar-reliġjon Nisranija għall-eżempju ta' San Ġorġ, u ħadet il-martirju qablu. Għal xi snin l-istatwa kienet tintrama fuq pedistall għoli fi Pjazza Savina, imbagħad fi Pjazza San Franġisk. Għal ftit snin intramat fi Pjazza Santu Wistin. Illum tintrama fi Triq Palma, quddiem il-Kunvent tas-Sorijiet Franġiskani.

Għal Pjazza San Ġorġ, Wistin ħadem sett ta' seba' anġli żgħar iħaddnu s-simboli tal-martirji. Meta nbidel l-armar tal-pjazza, dawn ġew ittrasferiti għal Triq Vajringa, fejn għadhom jintramaw sal-lum. Fis-sempliċità tagħhom huma wieħed mill-isbaħ settijiet ta' anġli li nsibu fil-festi tagħna.

Sett ieħor ta' għaxar anġli, xogħol ta' Wistinu, huma dawk li llum insibu jdawru Pjazza San Franġisk. Għal xi snin kienu jintramaw Pjazza Savina, imbagħad marru għal Pjazza Indipendenza, fejn għamlu snin twal.

Wistin ħadem ukoll sett ta' ħames puttini żgħar, iżommu strumenti mużikali, biex jintramaw fuq il-palk tal-Banda fi Pjazza Indipendenza.

Żewġ anġli oħra, li jingħad li huma xogħol ta' Wistin Camilleri, jintramaw fi Triq Vajringa, quddiem l-Iskola Primarja.

Ta' min isemmi wkoll li fl-1943 Wistin Camilleri kien għamel xogħol ta' restawr fuq l-istatwa ta' San Ġorġ Rebbieħ, kapolavur ta' Vincenzo M. Cremona.

B'hekk naraw li Wistin ħadem 39 statwa għall-Festa ta' San Ġorġ fil-Belt Victoria. Minn dawn naqsu tlieta: San Ġorġ taż-żiemel u żewġ Santi Padri ta' Triq ir-Repubblika. Il-partitarji tal-Istilla dejjem għożżew dawn l-istatwi u raw li jinżammu fi stat tajjeb. Aħna nirringrazzjaw lil ta' qabilna li għaddewlna dan il-patrimonju u nisperaw li nħalluh intatt lil ta' warajna.

*continued from page 43*

## Culture and Traditions: A bit of theory for a better understanding

Ash Wednesday, as a feast in the period between these two cycles discussed above and right fully so. I tend to disagree with other authors on the subject as they tend to demise this cycle with Easter Sunday which liturgically does not make sense. Furthermore, my M.A research has shed new light on the multilevel and deep meaning of our traditions related to Holy Week. Surely, the much written about processions of Holy Week in Malta and Gozo and the altars of repose are rich in meaning and social value and deserve more than a one page descriptive entry as one commonly finds. At this stage, in the light of the available descriptions and documentation, that I utilised for my dissertation, that it is indeed true, that the only Holy Week procession that can claim seniority on the island is the one that comes out from St George's Basilica, prior to 1788. The miniature exhibitions, philharmonic bands' concerts, the street pageant *L-Imsallab fi Triqatna* have also become traditions related to Holy Week in Gozo.

3. The third cycle is what liturgically referred to as: Ordinary time. This time starts with Monday after Corpus Christi to Saturday morning before the Liturgy turns back to Advent. In calendar time, this is the period spans from May to November. It is during this time that most towns and villages around Malta and Gozo celebrate their titular village festa, in some cases their secondary feasts and other minor ones too. Although the festa is still the main communal celebration, since the early 2000s it has been noted that the festa has transformed a lot from its traditional format in Gozo.

With the description and definition above of the liturgical cycles which in the local context served as calendar for socio-cultural activities, I hope that the reader could have a better understanding of how our traditions formulated themselves, their meaning and ethnographic spirit. Unfortunately, today's society has lost this true spirit for our traditions due to different factors and situations that evolved through time. One hopes that at least the rich traditions that our fathers have passed down to us continue to live even in a modern approach.

### Bibliography


Bezzina Joseph, 2017, *The Cathedral of Gozo (1689-2016)*, in Bezzina Joseph & Cilia Daniel.

Daniel, 2017, *The Gozo Cathedral: Its History and Treasures*, Gozo Cathedral Chapter.

Burke Peter, 2009, *Cultural Hybridity*, Polity Press.

Du Cross Hilary & McKercher Bob, 2015, *Cultural Heritage Tourism*, Routledge, New York.

Hobsbawm Eric & Ranger Terence, 1989, *The Invention of Tradition*, Cambridge University Press.

Lanfranco Guido, 2012, *Drawwiet u Tradizzjonijiet Maltin*, Publikazzjonijiet Indipendenza, Malta.

Mallia Fiona, 2012, *Il-Kultura Maltija*, Klabb Kotba Maltin, Malta.

Vella Godwin, 2011, *Passio et Resurrectio, The Holy Week*, in Cini Charles edt., 2011, *St George: GoldenBasilica*, Salesians of Don Bosco, Malta.